**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MONICA VELLA LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Elliott Magro)**

**vs**

**Abdirahman Hassan Abdiladeef**

**Illum, 18 ta' Jannar 2017**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Abdirahman Hassan Abdiladeef**, detentur tal-karta ta' l-identità 09000144(A):

Akkuzat talli nhar il-11 ta' Jannar, 2017, ghall-habta tas-7.30 ta' filghaxija gewwa Triq Qormi, Marsa:

1. bil-hsieb li jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioè feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Abdulahi Hassan Ali wera dan il-hsieb billi b'atti esterni ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u volontarjament ta' daqqa ta' arma irregulari (imqass) fuq il-gisem ta' l-imsemmi Abdulahi Hassan Ali, u li liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-

volonta’ tieghu, u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a), 64(2), 214, 215 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. u aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, permezz ta’ arma irregulari (imqass), kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Abdulahi Hassan Ali u dan skond ma’ ccertifikat Dr. Daphne Gatt M.D. (Reg. No. 3689) mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Kif ukoll talli fl-istess data, ghall habta tat-8.30 ta’ filghaxija gewwa l-Lock Up tal-Pulizija fil-Floriana:**

3. naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li dawn kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghndhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna offiza cioè Abdulahi Hassan Ali, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artiklu 412C tal-Kap. 9 u f’kaz ta’ htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuni offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat u qieset il-provi kollha prodotti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu, u din l-ammissjoni giet debitament registrata fil-verbal tal-lum stess fl-atti tal-kawza odjerna;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u l-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Wara li rat l-artikoli 41 (1) (a), 64 (2), 214, 216, 221(1), 338 (dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali netta tieghu, l-piena ta' natura kontravvenzjonali ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Taqta' u tiddeciedi illi piena karcerarja mhix idonea fil-kaz odjern u ghalhekk tittratta mal-imputat billi tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor sa zmien sena mil-lum fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta;

Inoltre, l-Qorti tohrog  Ordni ta' Protezzjoni ghal zmien sena mil-lum ghas-sigurtà ta' Abdulahi Hassan Ali fit-termini tal-artikolu 412C bl-obbligazzjoni tal-imputat.

Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza;

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' Dok EM 7 u tordna lir-Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali sabiex jesegwixxi dan l-ordni.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur